# Ir-raħal tal-Mosta jsir belt

Minn George Cassar

Nafu fiċ-ċert li fiż-żona li llum tissejjaħ il-Mosta, minn żmien bikri ħafna kienu diġà jgħixu xi nies. Il-prova ta' dan huma l-fdalijiet li għadhom jidhru, fosthom iż-żewġ dolmenijiet li għadhom wieqfa f'Wied Filep u l-Ipoġew tad-dfin Paleo-Kristjan magħruf bħala Ta' Bistra fin-naħa tal-Beżbiżija. Dawn huma biss żewġ siti li jmorru lura għal mijiet kbar ta' snin u li jagħtu prova ta' l-ewwel 'Mostin' li jterrqu u ħadmu f'dawn l-inħawi.

Fiż-Żminijiet tan-Nofs il-Mosta kienet biss irħajjel wieħed fost numru ta' rħejjel oħra ta' daqs ċkejken bi ftit abitanti f'kull wieħed minnhom. Dawn l-abitazzjonijiet kollettivi kellhom ismijiet varji u li llum għadhom biss memorja fil-kotba ta' l-istorja. Hekk insibu Raħal jew Ħal Calleja, Raħal Ħobla, Raħal Pessa jew Bise, Raħal Sir, Raħal Kirċipulli, Raħal Brabar u Raħal Dimekk.

Fis-seklu sittax dawn l-irħula żgħar bdew jispiċċaw u jisfumaw fix-xejn. Il-popolazzjoni żgħira tagħhom bdiet timxi għal postijiet oħra u hekk tbattlu u ma baqgħux importanti. Il-Mosta bdiet tieħu l-post bħala raħal prinċipali billi bdiet tikber u tinfirex fejn qabel kien hemm dawn il-lokalitajiet l-oħra.

Indikazzjoni tal-qagħda tal-Mosta nistgħu niħduha mir-rapport taż-żjara tal-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Dusina li saret fl-1575. Dusina indika li anki l-knisja ta' l-Assunta li kien hemm fir-raħal tal-Mosta kellha ċertu prominenza fost il-kappelli taż-żona. Tant hu hekk li Dusina bi żball sejħilha 'knisja parrokkjali'. F'din is-sena kien hemm 580 ruħ fil-Mosta.

| Sena | Popolazzjoni |
|---|---|
| 1575 | 580 |
| 1614 | 900 |
| 1645 | 1,214 |
| 1658 | 1,078 |
| 1680 | 1,300 |
| 1797 | 2,593 |
| 1851 | 3,524 |
| 1890 | 4,260 |
| 1901 | 4,629 |
| 1911 | 5,783 |
| 1921 | 4,866 |
| 1931 | 5,251 |
| 1948 | 7,186 |
| 1957 | 7,377 |
| 1961 | 8,136 |
| 1985 | 12,148 |
| 1995 | 16,629 |
| 2001 | 17,428 |
| 2002 | 17,502 |
| 2005 | 18,735 |



Mal-medda taż-żmien in-numru ta' nies jgħixu fil-Mosta baqa' dejjem jikber u hekk dan ir-raħal imdaqqas bil-mod il-mod infirex u beda jieħu l-forma ta' belt. Sa l-aħħar snin tas-seklu għoxrin il-popolazzjoni kienet qabżet sew l-10,000 ruħ u din baqgħet tikber b'rittmu sostnut.

Il-Mosta tinsab kważi fiċ-ċentru ta' Malta. Hi mibnija fuq art ċatta u fertili. Il-Mosta tal-lum għandha numru ta' lokalitajiet ġirien, ilkoll iżgħar minnha fin-numru ta' abitanti li jħaddnu. Dawn huma Ħal Lija, Burmarrad, ir-Rabat u n-Naxxar. Peress li qiegħda fit-triq prinċipali li mill-Belt Valletta tagħti għaċ-Ċirkewwa, mill-Mosta jgħaddi ammont kbir ta' traffiku li jkun qed jaqsam il-gżira. Dan għen biex l-importanza tal-Mosta tikber matul iż-żmien. Għen ukoll biex ipoġġi lill-Mosta b'mod prominenti fuq il-mappa ta' Malta.

Ġewwa l-Mosta, minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija u aktar u aktar mis-snin tmenin tas-seklu l-ieħor sar żvilupp urban impressjonanti. Tant hu hekk li l-Mosta qed issir kalamita għal ħafna li jixtiequ jiġu jabitaw fil-Mosta. Żdiedu d-djar ġodda u telgħu numru ta' oqsma tad-djar fuq il-periferija tal-Mosta antika. Dawn iż-żoni ġodda huma magħrufa bħala: Santa Margerita, Tal-Blata l-Għolja, Iż-Żokrija, Is-Sgħajtar u Ta' Mlit. Dan ifisser li n-nies ġewwa din il-belt qegħdin dejjem jiżdiedu. Din iż-żbieda fil-popolazzjoni tirriżulta fi ftuħ ta' aktar ħwienet, fejn il-Mosta issa qed tistabilixxi ruħha bħala ċentru kummerċjali ta' importanza u dan ikompli jħeġġeġ aktar żvilupp u tkabbir fl-ekonomija lokali.

Dan kollu jfisser li l-Mosta minn raħal ċkejken ħafna llum saret belt kbira, fost l-akbar fil-Gżejjer Maltin. U din għadha tikber u tikber.

## Il-Mosta

